**M I N U T I**

**LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA**

**ID-DISA' LEĠIŻLATURA**

**LAQGĦA STRAORDINARJA NUMRU 15**

16 ta' Mejju 2025

Il-ħmistax (15)-il seduta tad-disa' leġislatura tal-Kunsill Lokali Floriana nżammet nhar it-Tlieta 16 ta' Mejju 2025 fil-5.15pm. Il-laqgħa nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tad-Dar tal-Kunsill.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Nigel Holland | ( NH ) | Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Viċi Sindku |
| Is-Sinjura Sandra Sammut Hili | ( SSH ) | Kunsilliera |
| Is-Sinjura Justine Palmier | ( JP ) | Kunsilliera |

SKUŻATI:-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Justin Haber | ( JH ) | Kunsillier |

Membri tal-Pubbliku 0

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Malcolm Agius Muscat Segretarju Eżekuttiv

## MINUTI

### 15.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI

15.1.1. Is-SE informa li l-Kunsilliera JP kienet informat li kienet ser tittardja minħabba raġunijiet ta' xogħol u li l-Kunsillier JH kien għadu kif avża li ma setax jattendi minħabba impenji personali.

15.1.2. Il-Kunsill innota dan.

### 15.2 APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT TA' EVALWAZZJONI TAL-KONĊESSJONI TAL-GABBANA KG5

15.2.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi qal li kien hemm erbgħa offerti li minnhom kien hemm tlieta li kienu eliġibbli u li ssodisfaw l-kriterji kollha hekk kif mitluba mill-Kunsill.

15.2.2. Is-Sindku ippropona li l-Kunsill imur għall-iktar offerta favorevoli li tilħaq il-kriterji kollha li hemm fis-sejħa tal-offerti.

**Nota: 17:19 Il-Kunsilliera JP attendiet għal-laqgħa.**

15.2.3. Din il-mozzjoni ġiet issekondata mill-Viċi Sindku JAE. Ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-iktar offerta' vantaġġuża li tissodisfa l-kriterji kollha mitluba, bir-riżultat ikun:

Favur: 4 (NH, JAE, SSH, JP)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

15.2.4. Is-SE informa li kien ser jinforma lid-Dipartiment tal-Kuntratti ħalli jiskatta l-proċess u l-kuntrattur ikun jista' jibda' jopera appena jgħaddi l-perjodu tal-appell.

### 15.3 AĠĠORNAMENT TAL-LAQGĦA

15.3.1. Il-laqgħa intemmet fil-17:20.

**Konfermati, illum it-Tlieta 3 ta' Ġunju 2025**

| | |
|---|---|
| (iffirmati) | (iffirmati) |
| Nigel Holland | Malcolm Agius Muscat |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |